MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 15/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Michael Mallia)**
**Vs**
**Jonathan Felice**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Jonathan Felice (ID 389288 M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-3 ta' Jannar, 2009, f'xi ħin bejn is-7.15 p.m. u l-11.30 p.m., mill-fond nru. 21, Ta' Martin, fi Triq Mikielang Busuttil, Safi:

1. Ikkommettew serq ta' ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin, u li sar ghad-detriment tal-koppja Martin u Janice Dalli u/jew ta' persuni oħra;

2. Volontarjament, ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' il-bieb ta' barra tal-istess fond, liema ħsara tiskorri l-elf mija u erba' u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164. 69), ai termini tal-Artiklu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta, liema ħsara saret għad-detriment tal-koppja Martin u Janice Dalli u/jew ta' persuni oħra;

Lil Jonathan Felice waħdu, akkużat ukoll talli nhar is-26 ta' Jannar 2006, għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' bil-lejl, fi Triq San Ġorġ, San ĠIljan,

3. Flimkien ma' żewġ persuni oħra mhux magħrufa, kkommetta serq ta' *handbag* kontenenti diversi oġġetti, fosthom flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-detriment ta' Marie Veronique Mifsud u/jew ta' persuni oħra;

4. Ukolli talli rrendew rwiehom reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, filwaqt li fil-każ ta' Jonathan Felice biss ukoll ai termini ta' l-Artiklu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi li saru definittivi w li ma jistgħux jiġu mibdula.

5. Fl-aħħarnett lil omissis waħdu, akkużat ukoll talli kkommetta reat li għalih hemm kontemplat piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ai termini ta' l-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza datata 15 ta' Ottubru, 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Jannar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(b), 325(1)(a), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi mmarkati bhala 1, 2 u 4 u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-

appellant Jonathan Felice mhux ħati tal-akkuza mmarkata bħala 3 u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuża.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti kkundannat lill-appellant Jonathan Felice u lill-omissis sabiex sa żmien xahar minn meta jiġu hekk mitluba jħallsu lir-Reġistratur tal-Qorti in kwantu għal nofs kull wieħed tas-somma ta' sitt mija u tliet Ewro u tlett Ewro centezmi (€603.03) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-20 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-appellant gie lliberat mit-tielet akkuża w tħassarha w tirrevokha fejn instabet ħtija biex l-appellant jiġi lliberat minn kull akkuża dedott kontra tiegħu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija tal-ewwel żewġ akkużi dedotti kontra l-appellant u mbagħad konsegwentement sabitu ħati tar-raba' akkuża dwar ir-reċediva. Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin, b'mod grossolan tal-provi migjuba kontra l-appellant u anke użat tagħlim skorrettement, meta giet biex issib ħtija fuq l-ewwel akkuża.

Illi stante li l-apprezzament qed jingħad li kien skorrett, allura l-Qorti tal-Appell għandha l-obbligu li terġa' tara l-provi miġbura u tara hemmx ħtija o meno. Illi l-appellant l-uniku żewġ affarijiet li jorbtuh remotament ma' dan il-każ huma s-segwenti :-

l-ewwelnett l-episodju li omissis, il-ko-imputat l-ieħor waqaf ikellem lil certu Martin Agius u l-appellant inzerta dak il-ħin qed isuq il-vettura tiegħu wara dik misjuqa minn

omissis. It-tieni inċident kienet ix-xhieda nebuluża w mgerfxa għall-aħħar li ta' PS 457 Jean Pierre Mifsud fejn b'inċertezza u b'verżjonijiet kontrastanti daqqa jgħid li għaraf lill-appellant u daqqa jghid li mhux cert – dejjem dwar l-appellanti u mhux omissis – dina d-darba jimxi fi Triq f'Ħal Safi li mhux 'il bogħod mid-dar fejn saret is-serqa. Illi b'dawn iż-żewġ affarijiet flimkien (il-fatt li nstab l-arlogg Breil għand l-appellant se mai twassal għall-akkuża ta' ricettazzjoni li ma kinitx dedotta kontra l-appellant) il-Qorti kellha f'idejha żewġ provi ċirkostanzjali għall-aħħar jekk tista` ssejhilhom hekk (hawn ħadd ma' sab fingerprints fuq il-post tas-serqa, per eżempju) liema provi ma jistgħux direttament u sal-grad li trid il-ligi jwassluk biex ssib ħtija li mbagħad l-appellant għax saq wara omissis u għax seta' kien miexi fi triq pubblika miegħu mar u għamel serqa u biex għamel hekk għamel ħsara fuq il-bieb ta' barra tas-sinjuri Dalli. Illi li ghamlet l-Ewwel Qorti kien legalment skorrett, peress li min għandu jiġġudika fil-kamp penali ma jistax jislet inferenzi kif jidhirlu huwa minħabba iż-żewġ episodji li ssemmew aktar 'l fuq biex tgħid li l-Pulizija ppruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Illi d-difiża tikkontendi b'rispett, li tant huwa ġustifikat dan l-aggravju li l-Ewwel Qorti biex sabet il-ħtija fuq il-provi li kellha qalet hekk :- ***"Il-Qorti sejra ghalhekk tapplika t-teorija ta' "recent possession" fil-konfront tal-imputat Jonathan Felice u għar-ragunijiet appena indikati ser issibu ħati tal-ewwel u t-tieni akkuża dedotta kontra tiegħu".*** Pagna 10 l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu li jidher a fol.378.

Illi mela l-Qorti tgħid li sabet lill-appellant ħati mhux minħabba provi diretti li jwasslu għal ħtija kif aħna mgħallma, iżda minħabba t-teorija tar-"recent possession" kif ingħad. Illi l-iskorretezza hija li t-teorija li a bazi tagħha l-Qorti sabet ħtija tapplika biss għall-każijiet ta' riċetazzjoni "receiving of stolen property" u mhux għal akkuża distinta ta' serq bħalma għandna hawnhekk. Illi huwa minħabba f'hekk li l-appellant isostni li huwa kellu jiġi lliberat minn l-akkużi dedotti kontra tiegħu. Illi dwar it-tieni akkuza, għalkemm ċertament li tista' titqies bħala mezz għal fini, żgur li ma hemm anqas nitfa ta' prova li l-appellant kkommetta xi ħsarat fuq il-bieb ta' barra.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm dik Inferjuri kif ukoll dik Superjuri, dejjem irritenew li huma ma jiddisturbawx il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-fatti jekk din setgħet reġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

Il-provi li għandha quddiemha din il-Qorti huma s-segwenti:

(a) L-Istqarrija tal-appellant li fiha huwa qal li l-arloġġ kien xtrah minn għand wieħed iswed li qallu li hu (l-iswed) jaf jerġa' jiġi għalih. Dan ifisser li l-appellant kien jerġa' jagħtih il-ħamsin Ewro lura u jieħu l-arloġġ. (fol 26 u 30 minn żewġ stqarrijiet tal-appellant magħmula fid-19 ta' Jannar 2009 u 17 ta' Marzu 2009 rispettivament)

(b) Ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca (fol 46) li xehed li kien għamel tfittxija fil-fond 92 Triq il-Barrakki Ħal-Qormi fit-18 ta' Jannar 2009 (is-serqa saret fit-3 ta' Jannar 2009 f'xi ħin bejn is-7.15pm u l-11.30pm) u fost oġġetti oħra l-pulizija kienet elevat arloġġ tal-marka Breil li kien ġo kaxxa tal-mobile Nokia . L-Ispettur kien wera l-arloġġ lid-derubati u s-sur Martin Dalli kien qallu li dak kien l-arloġġ li kien insteraqlu mid-dar fis-serqa tat-3 ta' Jannar 2009 – ħmistax-il jum qabel ma nstab l-arloġġ.

(ċ) Id-dokument JM 3 a fol 48 li huwa warranty certificate rilaxxjat minn Vascas Enterprises tal-arloġġ Breil li għandu dawn in-numri : 009277558 u 2519740710 (in-numru tal-mudell); l-isem lil min hu mibjugħ – Martin Dalli; l-isem tal-ħanut – Vascas; u d-data tal-5 t'Awwissu 2006. Dan id-dokument ingħaraf minn Martin Dalli.

(d) Janice Dalli tat indikazzjoni tal-ħinijiet li fihom bejn wieħed u ieħor twettaq is-serq – mis-7.15 pm 'l quddiem. (Ara wkoll fol 56).

(e) Martin Dalli li xehed li kellu arloġġ Breil fost affarijiet oħra (fol 60) li kien jiswa bejn Lm150 u Lm160. (fol 61). Huwa għaraf l-esibit fejn kien hemm arloġġ bħala tiegħu. Huwa kkonferma li l-garanzija kienet tal-arloġġ li kien għadu kif ra. Ma kienx għadda l-arloġġ lill-ispettur iżda kien sabu l-Ispettur stess. (Ara wkoll ix-xhieda ta' John Manche a fol 249 et li kkonferma li d-ditta li tagħha huwa direttur kienet issupplixxiet l-arloġġ lil Vascas).

(f) Martin Agius (fol 66 et) li qal li Omissis kien għarrfu li Omissis kien ser jagħmel serqa u li kien heddu biex ma jitkellimx. Huwa kien ra karozza oħra tielgħa warajh li jaħseb li kienet ta' Jonathan Felice (fol 68). L-appellant ma kienx kellmu.

(g) Olivia Vassallo (fol 116) li kienu ħallsu lid-derubat tal-ħsara tal-bieb (Ammont ta' €1454.45)(Ara wkoll ir-rapport ta' Christopher Hayes a fol 237).

(h) PS 457 Jean Pierre Mifsud xehed li fil-kisra ta' Triq il-Feniċi direzzjoni ta' Triq il-Ħajt Ruman kien ra tlieta min-nies li kienu suspettużi li tnejn minnhom mad-daqqa t'għajn setgħu kienu Omissis u l-appellant. Kien għarraf lill-għassa taż-Żurrieq kemm dwar Omissis kif ukoll dwar l-appellant seta' kien barra wara l-ħin għax kellu jirrinkaża fil-għaxija. Meta bagħat għall-appellant l-għadu fil-għodu, l-appellant baqa' jiċħad li kien Ħal Safi. Huwa baqa' jgħid li lanqas kien jaf fejn jiġi Ħal-Safi.

(i) PS 1128 Glenn Sammut xehed li għall-ħabta tad-9.15pm kienu rċevew telefonata anonima li fl-akkwati ta' Ħajdurman kien hemm tlitt irġiel magħrufa mal-Pulizija. Marru fil-post u daru ma' Ħal-Safi u ma sabu 'l ħadd. Marru lura l-għassa taż-Żurrieq u xi kwarta war daħlitilhom telefonata li kien hemm serqa fl-akkwati ta' Triq il-Ħajt Ruman. (Ara wkoll ix-xhieda ta' PS 386 Joe Cauchi a fol 211).

(j) L-Ispettur Joseph Mercieca kkonferma li s-sentenza mmarkata Dok Z2 datata 26 t'Ottubru 2006 kienet mogħtija fil-konfront ta' Jonathan Felice (l-appellant) – **kundanna ta' sentejn priġunerija.**

(k) PS 386 Joe Cauchi kkonferma li l-bieb tal-fond fejn saret is-serqa (21, Ta' Martin, Triq Mikelanġ Busuttil, Safi) kien sgassat. (fol 190) u li s-serqa kienet tammonta għal aktar minn €7000.

(l) Arthur Castillo xehed li huwa direttur tas-soċjeta' Vascas li qal li l-arloġġ li kellu f'idejh bl-ebda mod ma seta' jabbinah ma' dawk il-garanziji li ntwerewlu. L-arloġġ m'għandux numru fuqu. Biex arloġġ ikollu numru fuqu jrid ikun ta' ċertu valur.

(m) Is-sur John Manche xehed li n-numru li jidher fuq l-arloġġ huwa uniku għall-mudell li jindika d-diskrizzjoni tal-arloġġ, il-kuklur u jekk hu kronogroff jew le. (fol 294).

Kienu esibiti wkoll site plans tal-akkwati fejn saret is-serqa u minnhom jirriżulta li t-triq fejn intlemħu Omissis u l-appellant, jiġifieri Triq il-Ħajt tar-Rumani, mhix 'il bogħod minn Triq Mikielanġ Busuttil Ħal Safi.

L-Ewwel Qorti għamlet din l-osservazzjoni a fol 9 hija u ssib ħtija tal-appellant dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni:

'Iżda l-ewwel u qabel kollox waqt tfittixija li saret fir-residenza tal-imputat Jonathan Felice f'Ħal-Qormi madwar ħmistax-il jum wara li seħħet is-erqa in diżamina nstab l-arloġġ tal-marka Breil li jinsab inseriti in atti u mmarkat bħala Dok JM2 liema arloġġ għandu l-istess model number bħal dak indikat fuq il-garanazija u liema arloġġ ġie idnetifikat mill-istess derubat bħala l-arloġġ li nsteraqlu fit-3 ta' Jannar 2009 anki għaliex huwa seta' jagħrfu minn sticker li dan l-arloġġ kellu fuq wara........Il-Qorti sejra għalhekk tapplika t-erorija ta' recentg possession fil-konfronti ta' Jonathna Felice u għar-raġunijeit appena indikati ser issibu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni.' M (fol 378).

L-appellant jissottometti li (a) li l-Ewwel Onorabbli Qorti, barra milli għamlet apprezzament ħażin tal-fatti interpretat ħażin it-teorija tar-recent possession; (b) li l-fatt li nstab l-arloġġ għand l-imputat se mai twassal għall-akkuża tar-riċetazzjoni li ma kenitx dedotta kontra l-appellant.

**In-Nuqqas tal-Imputazzjoni tar-reat tar-Riċettazzjoni**

Il-Qorti ser tibda bil-punt immarkat (b). L-appellant jissottometti li ebda imputazzjoni ta' riċetazzjoni ma kienet dedotta kontrih.

Minkejja li ma jkun hemm ebda imputazzjoni ta' riċetazzjoni dedotta kontra l-imputat, ma jfissirx li dan ma jkunx jista' jinstab ħati ta' riċettazzjoni jekk huwa jkun akkużat b'serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat u huwa ma jkunx instab ħati ta' tali akkuża. Filfatt jista' jinstab ħati alternattivament jinstab ħati ta' misapproprjazzjoni – dejjem jekk ikun hemm provi ta' dan. U, fi kliem l-artikolu 476(2) tal-Kap 9 :

*'reċiprokament persuna fuq akkuża ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tiġi dikjarata ħatja ta' serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat tal-oġġett involut jekk ikun hemm provi dwar dan.'*

**Għalhekk il-konklużjoni dwa rdan l-argument hi li għalkemm persuna ma tkunx akkużata b'riċetazzjoni iżda tkun akkużata b'serq jew misapproprjazzjoni, hija xorta tista' tinstab ħatja tar-riċettazzjoni jekk ma jkunux ippruvat ir-reat tas-serq jew tal-misapproprjazzjoni.**

**Id-Doctrine of Recent Possession**

L-appellant jgħid li 'Id-doctrine of recent possession tapplika biss għall-każijiet ta' riċetazzjoni u hux għall-akkuża ta' serq.'

Bir-rispett kollu, ma jidhirx li l-Qrati tagħna dejjem qablu ma' dak li qed jgħid l-appellant. Filfatt fid-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef l-Onor.Vincent DeGaetano fis-26

t’Awwissu 1998 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Emanuel Seisun U Pius sive Pio Micallef’ intqal dan li ġej:

‘It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhix xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għall-ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna **partikolari tkun ħatja tar-reat ta’ serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta’ riċetazzjoni ta’ dawk l-oġġetti.**’ (Volum LXXXII 1998 Part IV fol 322).

Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21- 126 li huma riprodotti verbatim fl-edizzjoni tas-sena 2004. Il-Qorti ser tirriproduċi dak li hemm fl-Archbold li jidher bl-istess kliem a fol 325 tal-istess volum:

*‘There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The ‘rule’ is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen thereform and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v Loughlin, 35 Cr.App.R 69; R v Seymour 38 Cr App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In R v Smythe 72 Cr.App.R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p.49 (now 8th ed p.35): ‘If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have*

*been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that he explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver or the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence.'*

**Konsiderazzjonijiet tal-Fatti**

Din l-espożizzjoni ma tħalli ebda dubju li l-Ewwel Qorti setgħet użat it-theory of recent possession għar-reat ta' serq.

Il-Qorti eżaminat il-provi kollha u minn dawn jirriżulta bla ebd dubju li l-appellant kien
gewwa Ħal-Safi dak in-nhar tas-serqa. Huwa qal li ma jafx fejn hu dan il-post. Wieħed jifhem għalhekk li kien

qed isuq wara Omissis li kien qed jiggwidah fejn. L-appellant ingħaraf minn tnejn min-nies. Huwa tassew li kien Omissis biss li qal li sejjer iwettaq is-serqa għaliex tkellem fis-singular iżda imbagħad hemm lok għal inferenzi loġiċi meta jitqies li (a) l-appellant rawh darbtejn tnejn min-nies differenti fil-kumpanija ta' Omissis fl-istess jum u fl-istess post; u (b) wara jinstab għandu arloġġ li sidu għarfu bħala tiegħu u hemm saħansitra l-garanzija li turi isem min hu (l-istess bħal tas-sid) u meta nxtara. Mela hawn m'hawnx indikazzjoni waħda li, li kieku setgħet twassal għas-sejbien tar-rat tar-riċetazzjoni, iżda minflok għandna kombinazzjoni ta' żewġ indikazzjonijiet f'daqqa: (i) l-għarfien tal-appellant fil-kumpanija ta' persuna li qalet li sejra tisraq fil-jum, fil-post (Safi), u fil-ħin u fil-lok (triq qrib) tas-serqa; **u** (ii) pussess reċenti tal-arloġġ. Ma' dan wieħed irid iżid li l-ispjegazzjoni li ta l-appellant fl-istqarrija dwar kif iċ-ċurkett ġie għandu m'hi konvinċenti xejn. Din il-kumbinazzjoni (li tkun fil-post tas-serqa u l-jkollok oġġett mis-serqa) mhix faċli li tavvera ruħha skont il-prinċipji matematiċi tal-probabilita' li huma eżatti daqs meta wieħed jgħid li l-angolu fiċ-ċentru taċ-ċirku huwa d-doppju talanglu fiċ-ċirkomferenza. Biex iseħħu dawn iż-żewġ events flimkien trid denominator ma jispiċċa qatt. In-nuqqas ta' fingerprints jew ta' xi indizju forensiku ieħor ma jfissirx li wieħed ma kienx involut fis-serq. Din il-Qorti lanqas m'hi sejra temmen li dan kien każ ta' persuna being 'at the wrong place at the wrong time.'

Meta l-Qorti qieset it-totalita' tal-provi, ma jibqgħalha ebda dubju li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta fil-konklużjoni tagħha.

Id-difiża tissottometti li m'hemm ebda prova li l-appellant kisser il-bieb ta' barra tad-dar. Iżda l-Qorti qed tqis li ġaladarba kkonkludiet li l-appellant ħa sehem fis-serqa huwa għandu jitqies kompliċi (li jieħu l-istess piena bħala awtur) fit-tkissir tal-bieb. Biss għal dik li hija piena, din it-tieni imputazzjoni għandha tiqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni minħabba li t-tieni imputazzjoni hija mezz għall-fini (17(h) tal-Kap 9.

Ir-reċidiva kienet ippruvat ampjament għaliex kienet ippreżentata sentenza ta' piena ta' priġunerija li ma kinux għaddew 5 snin minn meta kienet skontata l-piena apparti li l-appellant kien akkużat bl-artikolu 289 li huwa artikolu speċjali wkoll.

Dwar il-piena, ukoll jekk wieħed japplika l-artikolu 17(h) għat-tieni imputazzjoni, jekk wieħed japplika biss l-artikoli 279(b) u 280(2) flimkien mar-reċidiva, wieħed jikkonkludi li l-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma tmurx oltre l-parametri tal-Liġi.

**Konklużjoni**
Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti fl-14 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Jonathan Felice et' fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------